A.L. 266 ta' l-2002

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI
(*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI)
(KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi
Għall-ħruġ ta' ammont li ma jeċċedix Lm 15,250,000
5.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2007
(It-Tielet Ħruġ)
Fungibility Issue

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' ammont li ma jeċċedix il-Lm15,250,000 5.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta jiġi miżjud u maħruġ kif ġej:-

1. L-i*Stock* jinħareġ skond kif stipulat fil-prospett. Mod tal-Ħruġ ta' l-i*Stock*.

2. Kull persuna u/jew enti jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. It-tqassim ta' l-i*Stock* isir skond kif spjegat fil-prospett. Policy dwar l-allokazzjoni ta' *stock*.

3. (a) Meta dan l-i*Stock* jiġi allokat, applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u jkun negozjat fil-Borża ta' Malta għandha ssir skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta. Negozju fil-Borża ta' Malta, Kap. 345.

(b) Wara l-pagament ta' l-ewwel imgħax dan l-i*Stock* jiġi integrat ma' l-i*Stock* eżistenti - 5.6% Stock tal-Gvern ta'Malta 2007 (III).

4. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*Stock* ma għandhiex teċċedi Lm15,250,000. Somma ta' flus li għandha tinħabar.

5. L-imgħax bir-rata ta' Lm2.80,0 għall kull Lm100 *Stock* jitħallas kull sitt xhur b'lura fl-10 ta' Ġunju u fl-10 ta' Diċembru ta' kull sena waqt il-kors ta' l-i*Stock*. L-ewwel ħlas pro-rata għall-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru, 2002 u l-10 ta' Diċembru, 2002 isir fl-10 ta' Diċembru, 2002. Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

6. L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parità fl-10 ta'Ġunju, 2007. Fidwa ta' *Stock*.